MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2003

Numru 113/2000

PULIZIJA
SUPT BARTHOLOMEO MULA
SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI
VS
CARMEN MAGRO
ADEL DAWAH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Caremn Magro ta' 30 sena bint Carmelo Debono u Carmen nee Camilleri imwielda Pieta nhar il-25 ta' Novembru 1969 u residenti St Mary, Triq Luigi Rosato, Bormla detentrici ta' karta tal-identita numru 490169M u Adel Dawah ta' 30 sena, iben Mahmud u Aida nee Xnieni, imwieled Damascus, Sirja, nhar it-12 t'Ottubru 1969 u residenti St Mary Triq Wigi Rosato, Cospicua detentur ta' karta tal-identita numru 528895M talli lil Carmen Magro wahadiha talli b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet

differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;
Talli fil-Qawra, nhar it-22 u t-23 ta’ Jannar 2000 f’xi hin wara nofs inhar ikkommettiet serq ta’ zewg bank cards (cashlink card tal-BOV u quickcash card tal-HSBC) liema bank cards kienu f’handbag, kif wkoll borza kontenenti cwievet ta’ sage deposit boxes u mobile phone tal-marka Siemens mill-Palm Court Hotel sitwata fi Triq it-Tamar, Qawra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna, ta’ l-ewwel ghad-detriment ta’ Sharon Bugeja mill-Bidnija u l-ahhar tnejn ghad-detriment ta’ Clifton Borg mill-Qawra.

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, f’diversi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer (Malta), xjentement laqet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, u cioe zewg bank cards tal-BOV u HSBC, kif wkoll mobile phone tal-marka Siemens u borza kontenenti cwievet, sew jekk dan sar f’’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahhlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Talli f’Bugibba/Qawra, nhar it-22 ta’ Jannar 2000 f’xi hin wara nofs inhar u fil-24 ta’ Jannar 2000 f’xi hin bejn id-9 ta’ filghodu u nofsinhar, b’mezzi kontra il-ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh fl-ammont totali ta’ Lm762.75, ghad-detriment ta’ Sharon Bugeja mill-Bidnija.

Talli fl-istess lokalitajiet, dati, hinijiet u cirkostanzi bil-hsara ta’ haddiehor u cioe ta’ Sharon bugeja mill-Bidnija ghamlet xi qliegh iehor b’qerq, fl-ammont ta’ Lm762.75.

Talli f’Bugibba/Qawra nhar it-22 ta’ Jannar 2000 f’xi hin wara nofsinhar u fl-24 ta’ Jannar 2000 f’xi hin bejn id-9am ta’ filghodu u nofsinhar ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz

jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprovaw, u dan ai termini ta’ l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, tal-kap 9.

Talli fl-istess lokalitajiet, dati, hinijiet u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza, imsemmija fl-akkuza precedenti, bi ksur ta’ l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali kap 9.

Talli fl-istess lokalitajiet, dati, hinijiet, u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokumenti iehor falsifikat u dan bi ksur ta’ l-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali kap 9.

Lil Adel Dawah talli f’Bugibba/Qawra fit-22 ta’ Jannar 2000 ghll-habta tas-7 ta’ filghaxija, irrenda ruhu komplici fir-reati elenkati fl-akkuzi 4, 5, 6, 7 u 8 dedotti kontra Carmen Magro billi ghad li ma kienx wiehed mill-persuni imsemmija fil-paragrafi (a), (b), u (c) ta’ l-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali kap 9, b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtrici tad-delitti fl-atti li bihom id-delitti gew ippreparati u ikkunsmati.

Talli lil Adel Dawah sar ricediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, kap 9, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Awla 8) datata 19 t’Ottubru 1999 liema sentenza saret definittiva.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija.

Rat illi l-imputati mghandhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tas-7 ta' Marzu 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju.

Rat il-verbal tad-9 ta' Lulju 2002 fejn l-imputat Dawah ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat is-sentenza moghtija fil-konfront ta' l-imputat Adel Dawah.

Rat il-verbal tas-7 ta' Mejju 2003 fejn l-imputata Magro ammettiet ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti ssib lill-imputata Magro hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 42, 267, 334, 308, 309, 310, 183, 184, 189 tal-kap 9 u Art 7 u 9 tal-kap 446 u tqieghed lill-imputata taht ordni ta' probation u dana ghal perjodu ta' sentejn.

Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lid-direttur tal-Probation Services.

Din is-sentenza giet moghtija wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputata hallset il-pendenzi kollha, ghandha impjieg fiss u razznet il-vizju tad-drogi li kellha.

Ghal kull buon fini qed jigi dikjarat li l-probation officer Mary Anne Zammit gieli kellha kuntatti mal-imputata.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------